# L-Ewwel Ħadd tar-Randan

## Qari I

*Alla jeħles lil Noè mid-dulluvju u jagħmel patt miegħu.*

Ġen 9, 8-15

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

8 Alla kellem lil Noè u lil uliedu miegħu u qalilhom: 9 «Arawni, hawn
jien se nagħmel il-patt tiegħi magħkom u ma' nisilkom warajkom;
10 ma' kull ħliqa ħajja li hemm magħkom, mat-tjur u mal-bhejjem,
ma' kull bhima selvaġġa li hemm magħkom, u mal-bhejjem kollha li
ħarġu magħkom mill-arka. 11 Jien nagħmel il-patt tiegħi magħkom, li
qatt iżjed ma jinqered, ebda laħam ħaj, bl-ilmijiet tad-dilluvju; u qatt
iżjed ma jkun hemm dilluvju biex iħarbat l-art.»

12 U żied jgħid Alla: «Dan ikun is-sinjal tal-patt li jien qiegħed
nagħmel bejni u bejnkom, u bejn kull ħliqa ħajja li hemm magħkom,
għall-ġenerazzjonijiet kollha għal dejjem. 13 Inqiegħed il-qaws tiegħi
fis-sħab, u jkun sinjal tal-patt bejni u bejn l-art. 14 Meta niġma' s-sħab
fuq l-art u tfeġġ il-qawsalla fis-sħab, 15 jien niftakar fil-patt bejni u
bejnkom u bejn kull ruħ ħajja f'kull laħam; u ma jkunx hemm iżjed
l-ilma tad-dilluvju biex jeqred kull laħam ħaj.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 24 (25), 4-5ab.6-7bċ.8-9

R/. (10): Il-mogħdijiet tal-Mulej kollhom tjieba u fedeltà

4 Triqatek, Mulej, għarrafni,
il-mogħdijiet tiegħek għallimni.
5 Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni,
għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi. R/.

6 Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek,
għax huma minn dejjem, Mulej.
7 Inti tajjeb, Mulej;
ftakar fija skont it-tjieba tiegħek. R/.

8 Tajjeb u sewwa l-Mulej;
għalhekk juri triqtu lill-ħatja.
9 Imexxi l-imsejkna fis-sewwa,
jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu. R/.

# Qari II

*L-ilma tal-magħmudija jsalva lilkom ukoll.*

1 Piet 3, 18-22

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru Appostlu**

Għeżież, [18]Kristu wkoll miet darba għal dejjem minħabba d-dnubiet;
hu li kien ġust, miet għall-inġusti biex iressaqkom lejn Alla; kien
mogħti l-mewt fil-ġisem, imma ħa l-ħajja fl-ispirtu, [19]li bih mar
ixandar is-salvazzjoni lill-erwieħ li kienu magħluqa fil-ħabs. [20]Dawn
kienu l-erwieħ ta' dawk li darba ma ridux jisimgħu, meta Alla
qagħad jistenna bis-sabar fiż-żmien li Noè kien jibni l-arka. Ftit,
jiġifieri tmienja biss, salvaw bis-saħħa tal-ilma.

[21]Dan l-ilma huwa tixbiha tal-magħmudija, li issa ssalva lilkom ukoll.
Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla
ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu,
[22]li tela' s-sema u qiegħed fuq il-lemin ta' Alla u għandu taħtu
s-Setgħat u l-Qawwiet tal-anġli.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamakzzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 4, 4b

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix,
iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

***Kien imġarrab mix-xitan, u l-anġli kienu jaqduh.***

Mk 1, 12-15

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F'dak iż-żmien,
[12]l-Ispirtu ħareġ lil Ġesù fid-deżert.
[13]U baqa' fid-deżert erbgħin jum, jiġġarrab mix-Xitan. Kien jgħix mal-bhejjem selvaġġi, u kienu jaqduh l-anġli.

[14]Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla
[15]u jgħid: «Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu